MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 973/2001/1

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Christopher Zerafa**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, u disgha u disghin liri Maltin, disgha u tmenin (Lm2099.89) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-"loan account" li ghandu l-konvenut ma l-istess Bank attur, bl-interessi kkalkolati sat-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001) skond statement anness mal-avviz u mmarkat Dok A olte l-imghaxijiet ulterjuri mid-dsatax (19) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u wiehed (2001) sad-data tal-pagament effettiv u dan stante l-fatt li ghalkemm interpellat sabiex ihallas anke ufficjalment l-konvenut baqa

inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut.

Bl-ispejjez kollha inkluz l-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tal-4 ta' Gunju 2001, tal-mandati ta' qbid u sekwestru ippresentati ma din il-kawza u bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Ottubru 2001 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-atti a fol 2;

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-8 ta' Ottubru 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2099.89,0 bl-imghaxijiet ulterjuri mid-19 ta' Ottubru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk dovuti bhala "VAT" fuq id-drittijiet professjonali, dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Gunju 2001 kif ukoll dawk tal-mandati kawtellatorji ta' qbid u ta' sekwestru tad-29 ta' Novembru 2001.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------